DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/666

tat-28 ta' April 2015

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-22 ta' April 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/184/PESK [1] dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Mjanmar/Burma.

(2) Fl-14 ta' April 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/214/PESK [2] li ġġedded il-miżuri restrittivi sat-30 ta' April 2015.

(3) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2013/184/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġġeddu sat-30 ta' April 2016.

(4) Id-Deċiżjoni 2013/184/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2013/184/PESK hija sostitwita b'li ġej:

"*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' April 2016. Hija għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2015.

Għall-Kunsill
Il-President
E. RINKĒVIČS

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK tat-22 ta' April 2013 dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Mjanmar/Burma u li thassar id-Deċiżjoni 2010/232/PESK (ĠU L 111, 23.4.2013, p. 75).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/214/PESK tal-14 ta' April 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/184/PESK dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Mjanmar/Burma (ĠU L 111, 15.4.2014, p. 84).